Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 408 / 2018

**Il-Pulizija**

**Spettur Arthur Mercieca**

**Spettur Christina Delia**

**vs**

**Clive Agius**

Illum 23 ta' Mejju 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Clive Agius detenur tal-karta tal-identita Maltija nru 187685 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Matul dawn l-ahhar xhur gewwa dawn il-gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda (Art. 18, Kap. 9):

1. Fit-22 ta' Awwissu 2018 ghall-habta tal-10:30 a.m. jew hinijiet ta' wara, gewwa Birkirkara kkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBN 396 tal-ghamla Toyota, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi izjed minn elfejn, tliet mija, disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta' Anthony Sammut u/jew persuni ohra;
2. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Awwissu 2018 u t-23 ta' Awwissu 2018, gewwa l-Hamrun ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBT 681 tal-ghamla Toyota, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jeccedi elfejn, tliet mija, disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin

centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Mario Xuereb u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Awwissu 2018 u t-23 ta' Awwissu 2018, gewwa l-Imsida kkommetta serq ta' vending machine, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur li jeccedi elfejn, tliet mija, disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Etienne Mifsud u/jew persuni ohra;

4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Awwissu 2018 u t-23 ta' Awwissu 2018, gewwa Ta' Xbiex, ikkommetta hsara volontarja fuq vending machine, liema hsara teccedi elfejn u hames mitt ewro (€2,500) ghad-dannu ta' Etienne Mifsud u jew persuni ohra;

5. U aktar talli fis-27 ta' Awwissu 2018 u jew fil-granet ta' qabel, gewwa Birkirkara, ikkommetta serq ta' ghodod minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAF 236, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix elfejn, tliet mija, disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Petar Vukovic u/jew persuni ohra;

6. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Awwissu 2018, gewwa Paola ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBC 262 tal-ghamla Toyota, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' George Mallia u/jew persuni ohra;

7. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Awwissu 2018, gewwa Birkirkara ikkommetta serq ta' vetttura bin-numru ta' registrazzjoni BBJ 341 tal-ghamla Isuzu, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-elfejn, tliet mija, disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Joseph Mifsud u/jew persuni ohra;

8. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Awwissu 2018, gewwa Birkirkara, ikkommetta serq ta' ghodod minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBO 876, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi elfejn, tliet mija, disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Brian Bonello u/jew persuni ohra;

9. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Awwissu 2018, gewwa Birkirkara, ikkommetta hsara volontarja fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBO 876, liema hsara ma teccedix il-mitejn u hamsin ewro (€250), ghad-dannu ta' Brian Bonello u/jew persuni ohra;

10. U aktar talli fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Awwissu 2018, gewwa Birkirkara kkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAS 771 tal-ghamla Toyota, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-elfejn, tliet mija, disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Christopher Busuttil u/jew persuni ohra;

11. U aktar talli fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Awwissu 2018 gewwa Birzebbugia, ikkommetta hsara volontarja fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAS 771, liema hsara teccedi il-mitejn u hamsin ewro (€250) ghad-dannu ta' Christopher Busuttil u/jew persuni ohra;

12. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Awwissu 2018, gewwa Birkirkara ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBT 734 tal-ghamla Mazda, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jeccedi elfejn, tliet mija, disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Mario Scerri u/jew persuni ohra;

13. U aktar talli fl-1 ta' Settembru 2018, gewwa Birkirkara ikkommetta serq ta' ghodod minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAQ 215, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi elfejn, tliet mija, disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Justin Schembri u/jew persuni ohra;

14. U aktar talli fl-1 ta' Settembru 2018, gewwa Birkirkara kkommetta hsara volontarja fuq vettura EAQ 215, liema hsara teccedi il-mitejn u hamsin ewro (€250) ghad-dannu ta' Justin Schembri u/jew persuni ohra;

15. U aktar talli matul ix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2018, gewwa dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkiwstati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta jew, xjentement b' kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

16. U aktar talli matul ix-xhur ta' Awwissu u Settembru 2018, gewwa dawn il-Gzejjer assocja ruhu ma' persuna jew persuni bil-ghan li jaghmel diversi

serqiet aggravati bil-lok, bil-hin u bil-valur f' diversi lokalitajiet madwar Malta;

17. U aktar talli matul dawn l-ahhar xhur gewwa dawn il-Gzejjer, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, li fih kien inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet bid-digriet li nghata mill-Magistrat Dr. N. Camilleri LL.D. nhar is-6 ta' Marzu 2018 (Art. 579; Kap. 9);

Il-Qorti giet mitluba tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Clive Agius u tordna l-arrest mill-gdid tal-imputat fejn bid-digriet ta' nhar is-6 ta' Marzu 2018, kien inghata l-helsien mill-arrest mill-Magistrat Dr. N. Camilleri LL.D., kif stipulate fl-Artikolu 579 (2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti giet mitluba titratta ma' Clive Agius talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati ta' diversi delitti, b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-17 t' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti li rat l-Artikoli 17 (b) u (h), 18, 20, 48 A, 49, 50, 261 (b), (c), (f) (g), 263, 267, 270, 271, 278 (3), 279 (a) u (b), 280 (1), 280 (2) u l-proviso tieghu, 289, 325 (1) (a), (b), (c), 579 (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni hmistax u qed tilliberah minnha, filwaqt illi fuq ammissjoni, sabithu hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' , il-hames, is-sitt, is-seba' , it-tmienja, id-disa' , l-ghaxar, il-hdax, it-tnax, it-tlettax, l-erbatax, is-sittax u s-sbattax il-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u ikkundannatu ghall-piena ta' erbghin (40) xahar prigunerija effettiva, mill-liema ghandu jitnaqqas iz-zmien illi l-hati nzamm that arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza.

In oltre ai termini tai-Artikolu 579 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat l-konfiska favur il-Gvem ta' Malta, tas-somma stabbilita fil-helsien mil-arrest taht garanzija ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri tas-6 ta' Marzu 2018, ossia s-somma ta' elfejn ewro

(€2,000) in kwantu depositu u s-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) in kwantu garanzija personali, b' koflox ghalhekk is-somma ta' tnax-il elf ewro (€12,000).

Ai termini tal-Artikolu 579 (3) tal-Kap. 9, ordnat r-revoka tal-helsien mill-arrest moghti bl-imsemmi digriet u I-arrest mill-gdid tal-hati.

In oltre stante illi l-hati ghandu vizzju serju tad-droga, tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ghandu jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja sabiex jeghleb dan il-vizzju, inkluz billi jinghata l-opportunita' li jidhol gewwa programm ta' rijabilitazzjoni mill-istess vizzju.

Ordnat illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Ordnat wkoll illi ai termini tal-Artikolu 392 A (2) tal-Kap. 9, l-atti flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Clive Agius, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Novembru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tas-sejbien tal-htija u in kwantu lliberatu mir-reta ta' ricetazzjoni (Akkuza hmistax), l-appellant jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgbobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta ghal wahda aktar miti u idoneja fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz kif fuq spjegati.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza, **in kwantu jikkoncerna il-piena** inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Illi l-piena effettivament kienet wahda manifestament eccessiva, sproporzjonata u li m' ghamlitx gustizzja mal-appellant. Lanqas hemm dubju wkoll li l-piena hi sproporzjonata ghaliex hemm avarija enormi bejn il-piena li tigi inflitta f' kazijiet identici meta jkun hemm ammissjoni, u fil-kaz odjern.

Kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci**, "mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**" [26.2.2009]:- "*Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena*) . (Ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"

Illi tenut il- fatti kollha tal-kaz, u l-kunsiderazzjonijiet illi waslu l-ewwel Onorabbli tinfliggi il-piena ta' erbghin (40) xahar prigunerija, jidher ictu oculi illi l-ewwel Onorabbli qorti infliggiet piena eccessiva.

Illi huwa minnu illi l-fedina tal-appellant hija wahda kkulurita, stante illi huwa vitma tad-droga, madankollu jirrizulta b' mod car illi hafna mill-hsara illi saret lid-derubati, ghalkemm mhux fl-intier taghha, giet rritornata, hekk kif indikat gustament l-ewwel Onorabbli Qorti.

Jidher bic-car illi, hekk kif indikaw l-ufficjali prosekuturi stess, l-appellent ikkorabora bi shih maghhom u ghaddhielhom informazzjoni siewja fuq investigazzjonijiet ulterjuri.

Semghet lill-partijiet jittrataw il-kaz u dan fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2019.

Ikkunsidrat.

Illi dan l-appell hu limitat għall-piena. Illi hu minnu bhala fatt kif d'atronde stqarr l-istess appellant fir-rikors tieghu u bħalma qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Jonathan Attard</u>** [1]:

'Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-Iimiti li tipprefiġġi l-lġgi. Dan huwa hekk peress illi min jammettij jkun qiegħed jassumi r-responsabilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kulI deċiżjoni dwar piena Ii l-Qorti tkun tista` tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx Ii din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw ,jekk il-piena nflitta kenitx eċċessiva jew Ie. Mhuwiex normali pero', Ii tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Iiġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat."

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **<u>Il-Pulizija vs. Spiru Muscat</u>** [2] sostniet:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-*forma mentis* tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **<u>Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio</u>**[3] , **<u>Il-</u>**

[1] moghtija fis-26 ta' Mejju 2004
[2] -Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011
[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.

**Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[4] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[5]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[6], fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Illi din il-Qorti rat l-atti tal-kawza u senjatament is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti dan bil-ghan li jigi stability x'wassal lil Qorti taghti l-piena li infliggiet stante li l-legislatur provda parametri fil-ligi f'kaz ta sejbien ta' htija.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi qabel ma ghaddiet biex taghti l-piena li errogat.

1. Il-fedina penali tal-imputat. Dwar dan jinghad li l-appellant ghandu 33 sena u minn esami tal-fedina penali aggiornata tieghu (fol. 98 et seq) jirrizulta li l-appellant beda b'din il-hajja ta' kriminalita meta kien ghad kellu tlettax-il sena meta kien instab hati fis-sena 1998 tar-reat ta' divesi serqiet meta kien inghata prigunerija. Minn hemm il-quddiem l-appellant tressaq il-Qorti diversi drabi u gie misjub hati ta' divresi reti fosthom ta' divesi serqiet tul medda ta' snin fejn inghata divesi sentenzi ta' prigunerija pero' donnu ma tghallimx u dan ghaliex rega' qieghed quddiem din il-Qorti fuq akkuzi ta' serq. Il-fedina penali tieghu fiha wiehed u ghoxrin faccata ta' reati registrati fuqha b'diversi kundanni fosthom dawk ta' serq, aggravat, hsara volontarja. Pusess ta' arma regolari minghajr licenzja tal-kummissarju tal-pulizija, pusess semplici ta' droga, offiza involontarja fuq il-pesuna u akkuzi relatati mal-Ordinanza tat-Traffiku u tal–Motor Insurance Act. Din il-Qorti tirrileva li l-appellant gja

[4] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).
[5] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[6] mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2001

inghata diversi sentenzi fejn inghata sentenzi sospizi u anke probation orders pero' ma tghallem xejn u dan ghaliex rega' ksier dufrejgh mal-ligi.

2. L-ammissjoni bikrija tal-appellant registrata fl-ewwel opportunita moghtija lilu mal-prezentata nhar il-5 ta' Settembru 2018.
3. Il-ko-operazzjoni tal-appellant mal-prosekuzzjoni kif registrat fl-atti kemm fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2018 fejn l-appellant wera ix-xewqa li jikkopera ulterjorment mal-pulizija u jaghti informazzjoi ulterjuri li tista' tghin fl-investigazzjoni u kif ukoll fis-seduta tat-3 ta Ottubru, 2018 fejn l-ufficcjal prosekutur informa lil Qorti li mill-ahhar differeiment ' l hawn kien ikkopera maghha u ta informazjoi utli ghal fini ta' investigazzjoni ohra mhux relatata mal-kaz.
4. Illi l-maggor parti tar-res furtiva giet ritornata lura lil sid legittimu kif indikat fl-ewwel sentenza stess .

L-appellant jghid li hemm avarija kbira bejn il-piena inflitta f'dan il-kaz u kazijiet simili fejn l-appellant kien akkuzat bl-istess akkuzi. Dwar dan din il-Qorti tibda' biex tghid li l-paraguni huma odjuzi u fil-processi penali ma jistghax jsir l-ebda paragun fis-sentenzi tal-Qorti u dan ghaliex kull kaz ghandu l-fatti specie tieghu. L-appellant stqarr li l-prosekuzzjoni kienet qed titlob tlettin (30) xahar prigunerija u l-Qorti imponiet sentenza ta' prigunerija effettiva ta' erbghin (40) xahar. Jinghad li minn ezami tal-process ma jirrizuta minn imkien li l-proskeuzzjoni kienet qed titlob piena karcerarja ta' tlettin (30) xahar. M'hemm l-ebda verbal f'dan is-sens u ghalhekk dan il-fattur zgur li ma jistax jkollu widen f'dan l-istadju. Dwar il-patteggjament li kellu jsir dik mhiex l-procedura li ghanda tigi adoperata.

Illi mill-kaz ma jirrizutax li hemm xi raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tapplika l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u dan ghaliex ma hemm l-ebda' raġunijiet speċjali u straordinarji li ghandhom jigu kunsidrati bhal bazi ghall-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat li l-piena li giet inflitta fil-fatt tmur lejn il-minimum. Hawnhekk l-appellant instab hati fu ammissjoni tieghu stess ta tmintax-il fejn sahansitra instab

hati ukoll talli naqas li jhares xi kundizzjoni impost fuqu meta inghta l-helsien mill-arrest u fejn sahansitra anke hu recidiv.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara l-ebda raguni 'l ghaliex ghandha tvarja is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u ghalhekk qeda tichad l-appell tal-appellant u qeda fl-istess hin tikkonfema is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir- rigward tal-mertu kif ukoll fir rigward tal-piena inflitta.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef